MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 193/2004

**Michael Attard Limited**

**vs**

**Esther u Anthony konjugi Grima**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u erbgha u sebghin Liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu rapprezentanti bilanc ta' import ta' hdax-il kambjala skaduti, accettati u ffirmati minnhom;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunt in subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fil-25 ta' Mejju tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------